**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 17 ta' Lulju 2001**

**Rikors Nru: 129/99A**

**John Hili u Bernard Hili**

**Vs**

**Edward u Agnes konjugi Farrugia u b' nota tas-7 ta' Dicembru 2000 assumew l-atti Elaine u Andre Farrugia u Colette Crisp stante il-mewt ta' Edward Farrugia fil-11 ta' Awissu 2000.**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi huma jikru minn ghand l-intimati il-fond ossia hanut numru 730 High Street Hamrun, u dan bil-kera ta' Lm 150 (mija u hamsin lira maltin) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem prossima skadenza 15 ta' Marzu 2000.

Illi r-rikorrenti gew notifikati b' ittra ufficajli presentata fit-8 ta' Ottubru 1999, f' liema ittra ufficjali l-intimati qed jgharrafhom illi b' effett mill-15 ta' Settembru 2000 il-kera fuq l-imsemmi hanut ser tizdied minn Lm 150 (mija u hamsin lira maltin) fis-sena ghall- Lm 1460 (elf erba mija u sittin lira maltin) fis-sena.

Illi ir-rikorrenti qed jopponu ruhom ghall-awment mitlub fil-kera stante illi il-kera vigenti hija wahda gusta u timmerita konferma.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess ir-rikorrenti jitolbu illi dan il-Bord jghogbu jikkonferma illi l-kera vigenti hija gusta u jichad l-awment mitlub.

Ra d-digriet tieghu tal- li bih gew nominati periti teknici l-AIC Renato La Ferla u David Pace fis-seduta tat-23 ta' Novembru 1999.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li biha iffissaw il-kera fl-ammont ta' Lm200 fis-sena.

Ra li fis-seduta ta' llum il-partijiet permezz tad-difensuri taghhom irrimettew ruhhom ghar-rapport tal-periti.

Jiffissa l-kera fl-ammont ta' Lm200 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fil-15 ta' Settembru 2000; spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Dep.Reg Magistrat